

- sussidjarjament, u b'reforma parpjali tad-deċiżjoni kkontestata, tiċħad it-talba avversarja ta' kanċellazzjoni minħabba nuqqas ta' użu tat-trade mark EU'159 fir-rigward tal-prodotti u s-servizzi fil-klassijiet classes 30 (kafé), 41 (attivitàjet tal-edukazzjoni u ta' tħriġ, korsijiet ta' tħriġ) u 43 (catering, servizzi offruti minn impriżzi li jipprovd u xorġ lest għall-konsum iddistribwit minn bars, ristoranti, self-service, canteens);
- tikkundanna lill-parti li titlef għall-ispejjeż ta' din il-proċedura u taż-żewġ istanzi preċedenti.

### **Motivi invokati**

- Evalwazzjoni żbaljata tal-provi tal-użu fis-sens tal-Artikolu 58(1)(a) u tal-Artikolu 18(1) tar-Regolament Nru 2017/1001.
- 

### **Rikors ippreżentat fl-24 ta' Jannar 2018 – Autoridad Portuaria de Vigo vs Il-Kummissjoni**

(**Kawża T-41/18**)

(2018/C 142/69)

Lingwa tal-kawża: l-Ispanjol

### **Partijiet**

Rikorrent: Autoridad Portuaria de Vigo (Vigo, Spanja) (rappreżentant: J. Costas Alonso, avukat)<sup>9</sup>

Konvenuta: Il-Kummissjoni Ewropea

### **Talbiet**

Ir-rikorrenti titlob li l-Qorti Ġenerali jogħġobha:

- tiżgura li l-Kummissjoni, bħala gwardjan tat-Trattati, tosserva l-obbligu tagħha li tiżgura l-applikazzjoni uniformi tad-dispożizzjonijiet tal-Unjoni mill-Istati Membri kollha billi tagħixxi sabiex tiġi għgarantita applikazzjoni uniformi tal-leġiżlazzjoni tal-Unjoni marbuta mal-importazzjonijiet ta' prodotti li jorġinaw minn annimali provenjenti minn pajjiżi terzi fl-Istati Membri kollha u billi tarmonizza r-regoli li jirreglaw dawn il-kontrolli;
- b'mod partikolari, tordna lid-direttorat ġenerali "Saħħa u sigurtà tal-ikel" tal-Kummissjoni jwettaq analiżi komparativ dwar l-applikazzjoni tal-korp leġiżlattiv tal-Unjoni li jirregola l-importazzjonijiet ta' prodotti li jorġinaw minn annimali provenjenti minn pajjiżi terzi fil-portijiet ta' Vigo u ta' Leixões (il-Portugali).

### **Motivi u argumenti prinċipali**

Insostenn tar-rikors tagħha, ir-rikorrenti ssostni li l-applikazzjoni diverġenti tal-leġiżlazzjoni tal-Unjoni Ewropea fil-qasam tal-importazzjoni ta' prodotti tas-sajd iffriżati u mkessħin minn pajjiżi li jifformawx parti mill-Unjoni tmur kontra r-regoli tal-kompetizzjoni u ta' kundizzjonijiet ugħwali għal kulħadd, liema ksur iwassal finalment għal distorsjoni tas-suq intern.

Fdan ir-rigward, ir-rikorrenti ssostni wkoll li l-portijiet jaqdu funżjoni essenzjali fit-trasport tal-merkanzija u b'mod speċjalist fir-rigward tal-importazzjonijiet ta' prodotti tas-sajd, li 76 % minnhom jiġu żbarkati f'portijiet.

---

### **Rikors ippreżentat fis-6 ta' Frar 2018 – Alfamicro vs Il-Kummissjoni**

(**Kawża T-64/18**)

(2018/C 142/70)

Lingwa tal-kawża: il-Portugħ

### **Partijiet**

Rikorrenti: Alfamicro – Sistema de Computadores – Sociedade Unipessoal, Lda (Cascais, il-Portugall) (rappreżentanti: G. Gentil Anastácio u D. Pirra Xarepe, avukati)

Konvenuta: Il-Kummissjoni Ewropea

### Talbiet

Ir-rikorrenti titlob li l-Qorti Ĝeneralni jogħġobha:

- tiddikjara n-nullità tad-Deċiżjoni tal-Kummissjoni (2017) 8839 finali tat-13 ta' Diċembru 2017 dwar il-ħlas ta' dejn, sa fejn tirrigwarda n-nota ta' debitu Nru 3241507078, minn naħa, u tannulla l-imsemmija deċiżjoni fir-rigward tal-kumplament, min-naħa l-oħra;
- tikkundanna lill-Kummissjoni għall-ispejjeż.

### Motivi u argumenti prinċipali

Insostenn tar-rikors tagħha, ir-rikorrenti tinvoka l-motivi li ġejjin:

1. L-ewwel motiv ibbażat fuq użu ħażin tal-poter mill-Kummissjoni, fir-rigward tat-talba għal dikjarazzjoni ta' nullità, sa fejn hija ssostitwixx id-deċiżjoni mogħtija mill-Qorti Ĝeneralni, tal-14 ta' Novembru 2017, fil-Kawża T-831/14, li fiha din tal-aħħar iffissat il-kreditu tal-Unjoni fir-rigward ta' dejn speċifiku, ma' deċiżjoni ta' kontenut differenti, li tikkostitwixxi titolu eżekuttiv, fir-rigward tal-istess dejn, bi ksur tal-Artikolu 19 TUE, u tal-Artikolu 272 TFUE;
2. It-tieni motiv, fir-rigward tat-talba għal annullament, ibbażat fuq:
  - nuqqas ta' motivazzjoni, sa fejn il-Kummissjoni llimitat ruħha sabiex tiddikjara li ġew ikkonstatati ċerti żbalji ta' natura sistematika fil-verifikasi finanzjarji mwettqa taħt il-ftehim li kien is-suġġett tad-deċiżjoni kkontestata, mingħajr, madankollu ma spjegat fxiex jikkonsistu dawn l-iżbalji.
  - ksur tal-liġi, sa fejn billi applikat awtomatikament il-konklużjonijiet ta' verifika finanzjarja mwettqa fl-ambitu ta' relazzjoni kuntrattwali għal relazzjoni kien kisret it-tieni paragrafu tal-Artikolu 135 (5) tar-Regolament Nru 966/2012<sup>(1)</sup>, kif ukoll prinċipju fundamentali tal-kuntratti amministrattivi, b'mod ġenerali, u tal-kuntratti pubbliċi, b'mod partikolari, jiġifieri, tal-invjalabbiltà tal-klawżola ta' remunerazzjoni.

<sup>(1)</sup> Regolament (UE, Euratom) Nru 966/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-25 ta' Ottubru 2012 dwar ir-regoli finanzjarji applikabbi għall-baġit ġenerali tal-Unjoni u li jħassar ir-Regolament tal-Kunsill (KE, Euratom) Nru 1605/2002 (ĠU 2012, L 298, p. 1).

### Rikors ippreżentat fid-9 ta' Frar 2018 – Barata vs Il-Parlament

(Kawża T-81/18)

(2018/C 142/71)

Lingwa tal-kawża: l-Ingliż

### Partijiet

Rikorrent: Joao Miguel Barata (Evere, il-Belġju) (rappreżentanti: G. Pandey, D. Rovetta u V. Villante, avukati)

Konvenut: Il-Parlament Ewropew

### Talbiet

Ir-rikorrent jitlob li l-Qorti Ĝeneralni jogħġobha:

- bħala kwistjoni preliminari, fejn ikun xieraq, tiddikjara l-invalidità u l-inapplikabbiltà tal-Artikolu 90 tar-Regolamenti tal-Persunal f'din il-proċedura taħt l-Artikolu 277 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea;